MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 2242/2000/1

***"A".***

**vs.**

***"B".***

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 2 ta' Ottubru 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-konjugi ***"A+B"*** zzewgu fit-tmienja ta' Frar tas-sena elf disa' mija u sebghin (8/2/1970) minn liema zwieg huma kellhom numru ta' tfal, illum kollha maggorenni;

Illi l-konvenut irrenda ruhu hati versu l-attrici ta' swat, sevizzi, minacci u ngurji gravi b'mod irrimedjabbli;

Illi bid-digriet tal-1 ta’ Gunju 1999 tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili awtorizzat lill-attrici sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni quddiem il-Qorti kompetenti;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti konjugi ***“A+B”*** u dan bi htijiet imputabbli lill-konvenut senjatament minhabba swat sevizzi, minacci u ingurji gravi li huwa kkommetta fil-konfront ta’ l-attrici martu;

2. Tiffissa r-retta alimentari ghall-attrici u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-manteniment hekk stabbilit minn din il-Qorti;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess u tassenja nofs lill-attrici u nofs lill-konvenut.

4. Tassenja definittivament lill-attrici l-kirja tal-fond matrimonjali bin-numru tnejn (2), formanti parti minn blokk appartamenti bin-numru tmienja (8) Triq Sir Hilderbrand Oaks, Gzira, u dan b’mod li l-attrici tibqa’ tghix fil-fond imsemmi ghad eskluzjoni tal-konvenut **.**

5. Tikkomina kontra l-istess konvenut il-provvedimenti ta’ l-**artikolu 48 u 50 sa 55 tal-Kodici Civili;**

Bl-ispejjez inkluz dawk tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ingunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokument esebit a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat id-digriet tat-30 ta’ Novembru 2000 moghti mill-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo fejn appunta il-kawza ghas-smiegh ghall-14 ta’ Gunju 2001.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti hekk diversament presjeduta tal-14 ta’ Gunju 2001 fejn l-attrici tat ruha notifikata bl-avviz tas-smiegh tal-kawza u kien jonqos in-notifika tal-konvenut. Il-kawza giet differita ghall-20 ta’ Settembru 2001. L-attrici giet awtorizzata tinnotifika lill-konvenut wara l-hinijiet legali.

Rat il-verbal tal-20 ta’ Settembru 2001 fejn ma deher hadd u l-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-11 ta’ Jannar 2002.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ April 2002 tal-Qorti kif diversament presjeduta fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif attawlament presjeduta ghas-26 ta’ Gunju 2002.

Rat il-verbal tas-26 ta’ Gunju 2002 a fol 16 tal-process fejn Dr. Anglu Farrugia ghall-attrici talab li ssir notifika skond l**-artikolu 187 (3) tal-Kap 12.** Il-Qorti laqghet it-talba b’dan li ssir pubblikazzjoni fil-Gazetta tal-Gvern u f’gazzetta lokali wahda. Il-kawza giet differita ghat-12 ta’ Dicembru 2002 ghal dak l-iskop b’dan li l-attrici hi awtorizzata li tipprezenta x-xhieda b’affidavit wara tali notifika.

Rat il-verbal tat-12 ta’ Dicembru 2002 a fol 18 tal-process fejn il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghan-notifika tal-konvenut ghall-20 ta’ Frar 2003.

Rat il-verbal tal-20 ta’ Frar 2003 a fol 20 tal-process fejn il-kawza giet differita ghad-9 ta’ April 2003 ghall-ahhar darba ghan-notifika tal-konvenut u fin-nuqqas li din issir, il-Qorti irrisservat li tiehu l-provvedimenti opportuni.

Rat il-verbal tad-9 ta’ April 2003 fejn ma deher hadd u l-Qorti ordnat li l-kawza tigi kancellata u titnehha minn fuq il-lista.
Rat ir-rikors tal-attrici datat 9 ta’ April 2003 a fol 23 tal-process fejn talbet lill-Qorti sabiex din il-kawza terga’ tigi riappuntata.

Rat id-digriet tal-10 t'April 2003 a fol 26 tal-process fejn il-Qorti ppreffiggiet lill-attrici b'terminu ta' erbghin (40) gurnata sabiex tipprezenta l-affidavits taghha. Prevja il-prezentata ta' l-istess affidavit fit-terminu moghti, l-kawza giet riappuntata ghas-smiegh ghall-5 ta' Gunju 2003.

Rat in-nota ta' l-**attrici** ***"A"*** tad-29 ta' April 2003 li permezz taghha ipprezentat l-affidavit taghha stess (Dok. "JB 1") a fol 27 sa 30 tal-process.

Rat il-verbal tal-5 ta' Gunju 2003 a fol. 34 tal-process fejn il-konvenut ***"B"*** ta ruhu notifikat bic-citazzjoni attrici, bl-affidavit attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza u l-Qorti nformatu li ghandu ghoxrin (20) jum zmien biex jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu. Inghata digriet ghall-prezentata ta' l-affidavits tal-partijiet b'terminu ta' erbghin (40) jum kull parti kif indikat fl-istess digriet u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghad-29 ta' Ottubru 2003.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-18 ta Lulju 2003 a fol. 37 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-akkuzi fil-konfront tal-esponent huma ferm infondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjes kontra l-istess attrici.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-persuna li verament irrendiet ruhha hatja ta' l-akkuzi indikati fic-citazzjoni kienet l-istess attrici, li pproponiet din ic-citazzjoni, partikolarment ir-relazzjoni adultera li ghandha ma' wiehed, li fil-prezent qed jahdem Ghawdex, u l-istess attrici tmur Ghawdex biex tkun mieghu.

3. Illi *di piu,* din m'hix l-ewwel darba li l-istess attrici kellha relazzjoni ma' terzi, liema haga ser tigi ippruvata fil-mori tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 37 u 38 tal-process.

Rat ir-rikors ta' ***"B"*** datat 11 ta' Novembru 2002 a fol 39 tal-process fejn il-konvenut talab biex jipprocedi fil-kawza bl-Ghajnuna Legali.

Rat ir-rikors ta' Dr Malcolm Mifsud datat 11 ta' Novembru 2002 a fol 41 tal-process u d-digriet tal-Qorti presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Tonio Mallia a fol 42 tal-process fejn ikkonferma r-relazzjoni favorevoli ta' l-avukat ghall-Ghajnuna Legali u hekk laqghet it-talba u assenjat lill-konvenut rikorrent bhala difensur lill-Dr. Mark M.Busuttil.

Rat il-verbal tad-29 ta' Ottubru 2003 a fol 43 tal-process fejn Dr. Graziella Bezzina ghall-attrici ddikjarat li m'ghandhiex provi aktar u li kienet qed tirrinuzja ghat-tieni talba attrici. L-attrici iddikjarat ukoll li kienet qed tirrinunzja ghall-fond matrimonjali purche` li jithallsu l-kontijiet pendenti ta' dawl, ilma u kera` tal-fond. Il-Qorti ikkonfermat d-digriet tal-affidavits tal-5 ta' Gunju 2002 u estendiet it-terminu bi 30 jum iehor mid-data tas-seduta sabiex il-konvenut jipprezenta l-affidavit tieghu fuq il-pendenzi li fadal u l-kawza giet differita ghall-5 ta' Frar 2004 ghall-finali trattazzjoni.

Rat il-verbal tal-5 ta' Frar 2004 a fol 44 tal-process fejn il-Qorti regghet estendiet iz-zmien ghall-prezentata ta' l-affidavits b'erbghin (40) gurnata mid-data tas-seduta u dan ghall-ahhar darba. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghas-27 ta' Mejju 2004.

Rat il-verbal tas-27 ta' Mejju 2004 a fol 45 tal-process fejn il-Qorti tat l-ahhar opportunita` lill-konvenut biex jipprezenta l-affidavits tieghu fi zmien tletin (30) gurnata u nnominat lil Dr. Paul Farrugia bhala Assistent Gudizzjarju u ordnatlu jiffissa l-ahhar seduta f'Lulju 2004 ghall-provi kollha tal-partijiet. Il-kawza giet differita ghall-11 ta' Novembru 2004 ghall-finali trattazzjoni.

Rat il-verbali tal-11 ta' Novembru 2004 u tat-28 ta' April 2005 u tat-8 ta' Novembru 2005 fejn fl-ahhar seduta l-Qorti tat zmien lill-konvenut jipprezenta l-affidavits tieghu fi zmien ghoxrin (20) jum mid-data ta' l-istess seduta, bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti. Dr. Mark Busuttil ghall-

konvenut iddikjara li hlief ghall-affidavits m'ghandux provi izjed. Id-difensur ta' l-attrici baqa' ma deherx, u il-Qorti ddikjarat li tistenna li fis-seduta li kien imiss jidhru d-difensuri biex jaghmlu l-ahhar sottomissjonijiet taghhom u wara l-kawza tigi differita ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghas-6 ta' Dicembru 2005.

Rat il-verbal tas-6 ta' Dicembru 2005 a fol 50 tal-process fejn Dr. Mark Busuttil pprezenta l-ahhar affidavit tieghu *seduta stante* b'kopja lill-kontro-parti. Dr. Graziella Bezzina ghall-attrici issottomettiet li l-kirja tal-fond immobbli ghandu jzommha l-konvenut bil-kontijiet kollha pendenti. Il-Qorti tat fakolta' sabiex jigu pprezentati noti ta' osservazzjonijiet u prefiggiet terminu ta' tletin (30) gurnata lill-attrici biex tipprezenta n-nota t' osservazzjonijiet bil-vista/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu tletin (30) gurnata biex jirrispondi, mid-data tan-notifika tan-nota ta' osservazzjonijiet, b'dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenut jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-attrici. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in *difett' ostacolo* ghat-30 ta' Marzu 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza ta' separazzjoni fejn il-partijiet jidher li ilhom sew bl-inkwiet bejniethom; izzewgu fit-8 ta' Frar 1970 u wliedhom saru maggorenni. L-attrici bdiet proceduri ta' separazzjoni b'dawn il-proceduri almenu mis-sena 1999 fejn b'digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civli presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph David Camilleri datat l-1 ta' Gunju 1999 l-attrici giet awtorizzata sabiex tipprocedi ghall-kawza ta' separazjoni.

Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti u dawn jikkonsistu prattikament mill-affidavits taz-zewg partijiet u din il-Qorti thoss li meta wiehed jifli sew l-istess xhieda hekk moghtija jidher u jirrizulta li l-konvenut kien

responsabbli ghal din il-firda bejn il-partijiet u dan ghaliex irenda ruhu hati *verso* l-attrici ta' eccessi, sevizzi, minacci u ngurji gravi u dan peress li jidher li l-istess konvenut kellu l-vizzju tal-loghob ta' l-azzard u li minhabba dan kien jonqos konsistentement li jmantni lill-martu u lill-uliedu, tant li l-istess attrici kienet kostretta tohrog tahdem hija sabiex tghix hija u l-familja taghha.

Ill fil-fatt l-affidavit taghha huwa rakkont shih ta' dak li kienet kostretta taghmel minhabba dan il-vizzju tal-konvenut u fejn hija tispjega li anke kienet kostretta tahdem sieghat twal ukoll ta' sittax (16) il-siegha kuljum u dan biex taghmel tajjeb ghall-bzonnijiet tal-familja; fil-fatt ix-xhieda taghha hija rakkont shih ta' kif l-istess konvenut kien jittratta lill-attrici u kif kien spicca sabiex anke jiehu l-flus taghha sabiex jalimenta l-vizzju tieghu tal-loghob u minhabba dan hija tghid li kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali u fil-fatt jirrizulta li hekk ghamlet u jidher li l-konvenut baqa' jghix ghal rasu f'dik li kienet id-dar konjugali fil-waqt li l-attrici llum stabbiliet ir-residenza taghha band'ohra, tant li hija, anke permezz ta' l-avukat taghha, rrinunzjat ghar-raba' talba kif jidher mill-verbali tad-29 ta' Ottubru 2003 u 6 ta' Dicembru 2005.

Illi dan qed jinghad anke fl-isfond tal-kontenut ta' l-affidavit tal-konvenut li huwa iktar immirat sabiex jghid li l-attrici ghandha tkun kostretta thallas il-kontijiet li hemm fuq l-istess post li l-konvenut jghix fih minghajr l-attrici, anke peress li l-attrici kienet kostretta titlaq mid-dar ghar-ragunijiet minnha indikati. Illi fl-istess affidavit jaghmel allegazzjonijiet ta' adulterju *da parte* ta' l-attrici, liema allegazzjonijiet ma' huma bl-ebda mod ippruvati u wisq inqas korroborati b'xi mod, anzi bil-mod kif gew prezentati jammontaw ghall-ingurja gravi *da parte* ta' l-istess konvenut fil-konfront ta' l-attrici, kif gie ritenut f'kazi simili fil-gurisprudenza nostrali. Dan huwa iktar serju meta bla ebda prova ta' xejn, u bla ebda tentattiv ta' prova isemmi diversi rgiel bl-iskop uniku sabiex joskura lill-martu; sinifikanti ghan-nuqqas ta' kredibbilta' tal-versjoni tal-konvenut huwa l-fatt li dwar il-vizzju tal-loghob ta' l-azzard l-istess konvenut assolutament ma jghid xejn, u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-allegazzjonijiet u l-versjoni tal-

konvenut ma jistghux jigu accettati *stante* li ma gewx ippruvati u lanqas huma verosimili u kredibbli.

Illi ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha minhabba li l-konvenut kien responsabbli *verso* l-attrici ta' eccessi, sevizzi, minacci u ngurji gravi u li minhabba dan iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irremedjabbilment.

Illi l-attrici rrinunzjat ukoll ghat-tieni talba attrici u dan kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tad-29 ta' Ottubru 2003.

Illi dwar it-tielet talba attrici tilqa' din it-talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti u dan b'effett mid-data tal-1 ta' Gunju 1999 u dwar il-likwidazzjoni u divizjoni ta' l-istess komunjoni din il-Qorti tipprovdi li l-kera tal-Flat numru 2, minn blokk ta' appartamenti bin-numru 8, fi Triq Sir Hilderbrand Oaks, Gzira, tigi assenjata lill-konvenut, (anke peress li l-attrici rrinunzjat ghall-istess) u dan bl-ghamara u l-mobbli kollha li hemm fih, b'dan li l-istess konvenut jibqa' u qed jinsab unikament responsabbli ghall-hlas ta' kull ammont dovut bhala kera ta' l-istess u ghal kull kont ta' dawl, ilma u telefon u kull servizz iehor li bih huwa adebit l-istess fond; mill-bqija kull parti ghandha jzomm l-oggetti mobbli li attwalment jinsabu fil-pussess taghha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak fuq deciz, **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u r-raba' talba attrici peress li l-attrici rrinunzjat ghall-istess, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti konjugi ***"A+B"*** u dan bi htijiet imputabbli lill-konvenut senjatament minhabba eccessi, sevizzi, minacci u ingurji gravi li huwa kkommetta fil-konfront ta' l-attrici martu u li kawza ta' l-istess z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser

irrimedjabbilment u l-konvivenza bejn il-partijiet ma' ghadhiex aktar possibbli.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-istess peress li l-attrici rrinunzjat ghal tali talba b'verbal datat 29 ta'Ottubru 2003

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan b'effett mid-data tal-1 ta' Gunju 1999 u dwar il-likwidazzjoni u divizjoni ta' l-istess komunjoni din il-Qorti tipprovdi li l-kera tal-Flat numru 2, minn blokk ta' appartamenti bin-numru 8, fi Triq Sir Hilderbrand Oaks Gzira tigi assenjata lill-konvenut, (anke peress li l-attrici rrinunzjat ghall-istess) u dan bl-ghamara u l-mobbli kollha li hemm fih, b'dan li l-istess konvenut jibqa' u qed jinsab unikament responsabbli ghall-hlas ta' kull ammont dovut bhala kera ta' l-istess u ghal kull kont ta' dawl, ilma u telefon u kull servizz iehor li bih huwa adebit l-istess fond; mill-bqija kull parti ghandha jzomm l-oggetti mobbli li attwalment jinsabu fil-pussess taghha.

4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-istess peress li l-attrici rrinunzat ghal tali talba b'verbal datat 29 ta'Ottubru 2003 u dak datat 6 ta' Dicembru 2005.

5. Tapplika kontra l-istess konvenut il-provvedimenti ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili**;

Bl-ispejjes inkluz dawk tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------